# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**PRESIDENT**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 8 ta' Frar 2024**

**Numru 2**

**Rikors maħluf numru 889/2016/1 MCH**

***Labomed Limited* (C 27866)**
***v.***
**Sovrintendent tas-Saħħa Pubblika bħala l-Awtorità dwar il-Liċenzji; u b'dikriet tal-21 ta' Frar 2017 Catherine Mifsud u *Brown's Pharma Limited* (C 22952) tħallew jintervjenu fil-kawża *in statu et terminis***

1. Dan huwa appell tas-soċjetà attriċi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Marzu 2020 li ċaħdet it-talba tagħha biex iżżomm lill-konvenut milli jilqa' talba għal bdil fil-liċenza biex tinżamm spiżerija. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. Is-soċjetà attriċi għandha liċenza biex tmexxi spiżeriji. Catherine Mifsud, li intervjeniet fil-kawża, ukoll għandha liċenza maħruġa mill-awtorità kom-petenti biex tmexxi spiżerija fil-Mosta. Fl-20 ta' Lulju 2016 sar ftehim – illi

l-attriċi fir-rikors sejħitlu "konvenju" – bejn l-attriċi u Catherine Mifsud; fir-rikors li bih bdiet din il-kawża l-attriċi fissret dan il-ftehim hekk:

> »… … … l-istess Catherine Mifsud obbligat ruha li titrasferixxi l-licenzja msemmija … lill-kumpannija rikorrenti permezz ta' ftehim privat li ġorr l-istess data (liema ftehim ġie msemmi *acquisition of dispensary licence …*) Fl-istess ftehim qablu ukoll fuq il-prezz tat-trasferiment u *cioè* s-somma ta' erba mitt elf euro (€400,000). Għal-kemm b'diċitura mhux tant feliċi u mhux kjarament espressa bil-miktub il-kumpannija rikorrenti u Catherine Mifsud ftiehmu ukoll fuq l-istess skrittura illi (i) l-istess Catherine Mifsud qed tintrabat li tittrasferixxi l-liċenzja relattiva versu l-prezz imsemmi, (ii) il-kundizzjonijiet li għand-hom x'jaqsmu mal-bejgħ tal-inventarju, stokk, apparat u makkinarju tal-ispizerija … – liema bejgħ huwa għal kollox distint mit-transferiment tal-liċenza – jiġu miftiehma bejniethom permezz ta' sett ta' konvenji li kellhom jiġu ffirmati quddiem in-Nutar Anton Borg il-ġimgħa ta' wara, (iii) wara li *inter alia* jiftiehmu fuq l-istokk ta' *dangerous drugs* huma kellhom jimlew u jiffirmaw l-applikazzjoni magħrufha bhala *application for a variation to a pharmacy licence* dakinhar stess li kellhom jidhru quddiem in-nutar sabiex din sussegwentement tiġi sottomessa lill-intimat *qua* l-Awtorità dwar il-Liċenzi (għall-ispiżeriji) għall-aċċettazzjoni tiegħu, u (iv) il-ħlas tas-somma ta' erba' mitt elf euro (€400,000) bħala prezz tat-trasferiment tal-liċenza u d-depożitu ta' tletin elf euro (€30,000) akkont tal-prezz tal-inventarju, stokk, apparat u makkinarju tal-ispizerija msemmija jiġi effettwat dak inhar li kellhom jiltaqgħu quddiem in-nutar.«

3. Ġara iżda illi dakinhar stess filgħaxija Catherine Mifsud bagħtet lill-attriċi *text message* li jgħid "*sorry deal off changed my mind*" u baqgħet ma dehritx quddiem in-nutar biex tiffirma l-applikazzjoni għal bdil fil-liċenza. L-attriċi tgħid illi Catherine Mifsud bidlet il-ħsieb għax l-għada, fil-21 ta' Lulju 2016, daħlet fi ftehim preliminari ma' kumpannija oħra biex tbigħ l-istess liċenza għall-prezz ogħla ta' ħames mitt elf euro (€500,000), bil-kondizzjoni li l-awtorità kompetenti tapprova l-bejgħ.

4. Imbagħad, fit-2 ta' Awissu 2016 saret talba (*application for a variation to a pharmacy licence*) biex il-liċenza tinqaleb minn fuq il-konvenuta għal fuq *Brown's Pharma Limited* (li wkoll intervjeniet fil-kawża).

5. Billi ġara hekk l-attriċi stqarret fir-rikors maħluf illi:

»… …. il-kumpannija rikorrenti ma għadhiex interessata illi tersaq għall-iffirmar tal-konvenji fir-rigward tal-bejgħ tal-inventarju, stokk, apparat u makkinarju tal-ispiżerija … ġaladarba Catherine Mifsud naqset milli tidher quddiem in-nutar fiż-żmien miftiehem. Madanakollu hija trid illi l-istess Mifsud tonora l-bejgħ tal-liċenza u tittrasferixxi l-liċenza relattiva lir-rikorrenti.

»Kien għalhekk illi kontestwalment ma' dan ir-rikors maħluf ir-rikorrenti ippreżentat rikors maħluf ieħor, din id-darba kontra Catherine Mifsud, sabiex titlob li din il-qorti *inter alia* jogħġobha tikkundanna lill-istess Mifsud sabiex tersaq għall-iffirmar tal-applikazzjoni in kwistjoni u tit-trasferixxi d-*dispensary licence* … lir-rikorrenti versu l-ħlas tal-prezz miftiehem.«

6. Billi iżda l-konvenut wera l-ħsieb li xorta jqis it-talba għal bdil fil-liċenza l-attriċi kisbet il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni biex iżżommu milli jagħmel hekk u fetħet din il-kawża biex titlob illi l-qorti:

»1. tiddikjara li l-intimat bħala l-awtorità tal-liċenzi għandu obbligu li ma jipproċesax, ma jaċċettax u ma jirreġistrax l-*application for a variation to a pharmacy licence* ippreżentata lill-awtorità tal-liċenzi għat-trasferiment tad-*dispensary licence* … lil *Brown's Pharma Limited* ġaladarba d-detentur tal-liċenza preżenti kienet u għadha marbuta permezz ta' konvenju ieħor li tittrasferixxi l-liċenza in kwistjoni lill-kumpannija rikorrenti;

»2. tordna u tikkundanna lill-intimat bħala l-awtorità tal-liċenzi sabiex ma jipproċesax, ma jaċċettax u ma jirregistrax l-*application for a variation to a pharmacy licence* ippreżentata lill-awtorità tal-liċenzi għat-trasferiment tad-*dispensary licence* … lil *Brown's Pharma Limited*;

»3. ikkonferma l-mandat ta' inibizzjoni maħruġ fl-istess ismijiet fil-15 ta' Settembru 2016 b'mod permanenti.

»Bl-ispejjeż … … …«

7. Il-konvenut ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

»1. Is-Supretendent tas-Saħħa Pubblika *qua* l-Awtorità dwar il-Liċenzi huwa obbligat illi jilqa' u jaċċetta applikazzjonijiet li għandhom jiġu proċessati skond il-merti preżentati lilhom u dana skond l-artikolu 5(3) tal-*Pharmacy Licence Reglations* (S.L. 458.16).

»2. Is-Supretendent tas-Saħħa Pubblika *qua* l-Awtorità dwar il-Liċenzi hija kompletament estranea għall-vertenza bejn s-soċjetà attriċi u l-applikanta, *cioè* Catherine Mifsud.

»3. Hekk kif jidher mir-rikors promotur, il-vertenza proprja qiegħda bejn is-soċjetà attriċi u Catherine Mifsud u fil-fatt l-eżistenza *o meno* tal-konvenju bejn is-soċjetà rikorrenti u Catherine Mifsud huma soġġetti għal proċeduri oħra u *cioè* l-kawża fl-ismijiet <u>*Labomed Limited* (C 27866) *v.* Mifsud Catherine</u> (888/2016) għal liema l-intimat mhux

parti u għalhekk ma hemm l-ebda *res judicata* indikata dwar l-eżistenza *o meno* tal-istess konvenju.

»4. L-unika raġuni li s-soċjetà attriċi qed tipproċedi kontra l-esponent huwa sabiex treġġi u żżomm *in vigore* l-mandat ta' inbizzjoni bir-rikors numru 1217/2016 u mhux għax verament għandha azzjoni valida fil-konfront tal-istess esponenti, speċjalment fid-dawl tal-fatt illi d-dmir tal-esponenti huwa li jipproċessa l-applikazzjoni, liema azzjoni tiegħu bħalissa tinsab soġġetta għall-eżitu tal-azzjoni hawn fuq ċitata.

»5. Ma hemmx lok illi jiġi ordnat li l-awtorità tal-liċenzji ma tip-proċessax tali applikazzjoni, salv ikunx hemm dikjarazzjoni ta' bidla ta' detentur.

»6. Huwa wkoll legalment insostenibbli li l-mandat ta' inibizzjoni maħruġ jiġi kkonfermat b'mod permanenti u dana kif jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita … *stante* illi tmur kontra d-disposizzjonijiet tal-artikolu 843 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.«

8. B'dikriet tal-21 ta' Frar 2017 il-qorti ħalliet lil Catherine Mifsud u *Brown's Pharma Limited* jintervjenu fil-kawża u, għalkemm l-intervent sar *in statu et terminis*, il-qorti madankollu tathom fakoltà jressqu eċċezzjonijiet.

9. *Brown's Pharma Limited* ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

»1. L-atturi f'din il-kawza ma għandhornx interess legali illi javanzaw it-talbiet tagħhom.

»2. Mingħajr preġudizzju għas-suespost l-atturi ma għandhom ebda dritt li jwaqqfu lill-awtorità tal-liċenzi milli tipproċessa l-applikazzjoni li saret sabiex il-liċenza … tiġi trasferita lis-soċjetà esponenti.

»3. Is-soċjetà attriċi ma għandha ebda konvenju vinkolanti ma' Catherine Mifsud għat-trasferiment ta' *dispensary licence* …; *invece*, kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawża, hija biss is-soċjetà esponenti li għandha kuntratt vinkolanti mad-detentriċi tal-liċenzja.

»4. L-aġir tal-atturi qed jirreka danni lill-esponenti, li minħabba dawn il-proċeduri qed jiġu abbużivament u illegalment imċaħħda milli jipproċedu bl-użu tal-liċenza li huma xtraw mingħand Catherine Mifsud.

»5. Ma hemm ebda raġuni legali għalfejn il-konvenut ma għandux jipproċessa favorevolment it-talba li saritlu sabiex *dispensary licence* … tinqaleb għal fuq l-esponenti.

»6. Bħala stat ta' fatt l-awtorità konvenuta għandha biss applikazz-joni waħda quddiemha, u s-soċjetà attriċi hija estranea għal tali applikazzjoni.«

10. Catherine Mifsud ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

»1. … … … is-soċjetà attriċi ma għandha ebda dritt legali spettanti lilha biex iżomm lill-awtorità tal-liċenzi milli tipproċessa il-liċenza. Din l-azzjoni hija biss tentativ biex twaqqaf lill-esponenti milli tittrasferixxi l-liċenza tagħha lil *Brown's Pharma Limited* u biex iżomm il-mandat ta' inibizzjoni (1217/2016) kontra l-awtorità tal-liċenzi *in vigore*.

2. It-talbiet attriċi huma mingħajr bażi legali u kwalunkwe ftehim *o meno* huwa għall-awtorità *res inter alios acta*. L-awtorità għandha l-obbligu tipproċessa kull applikazzjoni skont il-liġi mingħajr ma tidħol fil-mertu dwar l-esistenza *o meno* ta' rabta kontrattwali bejn l-esponenti u s-soċjetà attriċi u drittijiet ċivili li jistgħu jeżistu bejn partijiet.

3. *Di più* s-soċjeta attriċi ma għandha ebda dritt jew jedd sostanttiv spettanti lilha li seta' jiġi kawtelat skont il-liġi u li biha tista' twaqqaf l-awtorità tal-liċenzi milli tipproċessa l-applikazzjoni għall-varjazzjoni tal-liċenza. Infatti qed tibbaża pretensjonijiet tagħha fuq ftehim li l-esistenza tiegħu huwa ikkontest f'kawża oħra fl-ismijiet *Labomed Limited v.* Catherine Mifsud (888/2016) … … …

»4. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjetà attriċi qed tisgwida l-qorti billi fiż-żewġ kawżi li ippreżentat użat termini legali differenti skont kif qablilha. Fil-kawza *Labomed Limited v.* Catherine Mifsud (888/2016) iddikjarat li saret bejgħ filwaqt li f'din il-kawża qed tiddikjara li hemm konvenju. La hemm konvenju, jew bejgħ proprju (kif indikat fil-kawża diversament ippresjeduta), lanqas kien hemm indikazzjoni fl-iskrittura stess li kien hemm obbligu da parti tal-esponent biex tiffirma applikazzjoni jew applikazzjoni jew firma fuq xi applikazzjoni oħra qudddiem l-awtorità.

»5. Talba sabiex mandat kawtelatoru jiġi ikkonfermat in perpetwu ma huwiex permessibbli mil-liġi (ara art. 834 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.«

11. L-ewwel qorti ċaħdet it-talbiet tal-attriċi għal raġunijiet li fissrithom hekk:

»… … … l-atturi qed jibbażaw id-dritt tagħhom fuq *sales agreement* [dok. B] li bażikament jgħid hekk:

> »"Catherine Mifsud ... is hereby undertaking to transfer the dispensary licence … held in her personal name to *Labomed Ltd* ... for the sum of €400,000.
>
> »"The above figure is being guaranteed to the transferor after settling all local taxes due and the valuation of the inventories held at the pharmacy will be settled separately of the above figure.
>
> »"The underlying conditions are to be satisfied througħ the official preliminary agreement to be signed on Wednesday 26 July 2016 in the records of Notary Anton Borg at 2 *p.m*.
>
> »"A deposit of €30,000 is to be settled on the date of signature of the said official preliminary agreements."

»Fix-xiehda tagħhom l-atturi insistew li dan is-*sales agreement* ma kienx konvenju imma bejgħ proprju (jew fl-agħar ipotesi, ftehim li jorbot). Edward Basile Cherubino xehed li: "Hawn mhux kwistjoni ta' bejgħ ta' proprjetà immobbili u għalhekk konvenju ma jsirx". Ċaħad li Dok. B kien skrittura temporanja qabel ma jiġi ffirmat il-konvenju. Igħid

li ma kinux tkellmu dwar konvenju, imma kien sale 100%. “Il-*preliminary agreement* (konvenju) kellu jkun fuq l-i*stock*, *furniture* u *fittings* u mhux fuq il-bejgħ tal-licenzja”. Il-qorti tirrileva li x-xhud hawn qed jikkontradiċi l-bażi tal-azzjoni tagħhom billi qed jinnega li kien hemm konvenju vinkolanti bejn l-atturi u Mifsud għalkemm fit-talba tagħhom iddikjaraw l-kuntrarju.

»Catherine Mifsud ukoll taqbel li dok. B ma kien konvenju xejn imma *undertaking* da parti tagħha *to transfer the dispensary licence*, *cioè* promessa ta' xi ħaġa li kellha issir fi żmien ġimgħa u mhux dak il-ħin u li kellha tiġi formalizzata permezz ta' konvenju fuq l-affarijiet kollha u mhux fuq l-*furniture*, *fittings* u l-i*stock* biss kif qed isostnu l-atturi. Għalih japplika d-dispost tal-artikolu 1002 tal-Kap. 16 li jgħid li meta l-kliem ta' konvenzjoni meħud fi-sens li għandu skont l-użu fiż-żmien tal-kuntratt hu ċar, ma hemmx lok għal interpretazzjoni.

»Catherine Mifsud tikkontesta li dok. B kien konvenju (u magħha jaqblu l-atturi) u li lanqas ma kien bejgħ proprja. Hi ġġib diversi argumenti għaliex tgħid li dok. B lanqas ma hu bejgħ proprju. Hi ssemmi:

»• li hi ffirmat fl-iskrittura *that she was undertaking to transfer the dispensary licence* u mhux li kienet qed tbigħ dak il-ħin;

»• t*he underlying conditions are to be satisfied in the official preliminary agreement*. Mifsud tgħid li kellu jiġi ffirmat konvenju fi żmien ġimgħa, fuq kollox u mhux kif qed isostnu l-atturi fuq l-affarijiet l-oħra mhux fuq il-liċenza;

»• Mifsud tgħid li ma jagħmilx sens li l-bejgħ tal-licenzja ta' €400,000 isir fuq sempliċi skrittura privata minn persuna li lanqas taf hijiex direttur, u mingħajr ma jagħmel ebda depożitu akkont, mentri l-i*stock* u l-affarijiet l-oħra aċċessorji, li ma kienu jeħtieġu l-ebda att pubbliku u li l-atturi lanqas kienu interessati fihom, isiru b'konvenju;

»• Mifsud ma kinitx se tbigħ il-liċenza fuq xejn mingħajr ftehim fuq l-affarijiet l-oħra kollha u mingħajr ma ġġib minn qabel l-approvazzjoni tal-Awtorità tas-Saħħa biex isir it-trasferiment;

»• Chris Baldacchino xehed li “Allura kull darba li kien hemm bejgħ ta' licenza u akkwist ta' *goodwill* ta' *pharmacy* aħna konna nħossuna iktar komdi biex nagħmlu l-affarijiet sew, li nissigillaw kollox bin-nutar”;

»Dina l-qorti mhix ser tidħol fil-mertu tal-kontestazzjonji ta' dok. B da parti ta' Mifsud billi dan hu l-mertu tal-kawża l-oħra bejn il-partijiet, u proprjament il-kawża odjerna hija biss dwar (is-suppost) konvenju li l-intimat qed jiġi mitlub li jirrikonoxxi minflok il-konvenju l-ieħor ma' *Brown's Pharma*.

»Għalhekk l-ewwel talba fir-rikors promutur li l-atturi għandhom konvenju ma' Catherine Mifsud tirriżulta li hija kontradetta mix-xiehda tal-istess atturi. Il-qorti ma tistax tiddeċiedi fuq xi dritt ieħor *oltre* minn dak li jkun irriżulta mir-rikors promotur (li ma ġiex mibdul) anke għaliex mhux leċitu li l-kawża tiġi maqtugħa fuq kawżali differenti minn dik espressa fir-rikors promutur. Jekk għal grazzja tal-argument jirriżulta li bejn *Labomed* u Mifsud hemm konvenju, wieħed irid iqis tali rabta fil-

konfront ta’ min saret il-kawża għax il-vinkolu proċesswali hu bejn il-partijiet proprja u mhux l-intervenuti.

»L-azzjoni hi mfassla kontra entità pubblika biex ma tiġix proċessata talba għal trasferiment ta’ licenza li *prima facie* tidher waħda valida bejn persuna li għandha liċenza ta’ spiżerija u persuna oħra li tixtieq li tali liċenza tiġi trasferita għal fuqha. Jirriżulta mhux kontestat li għajr għall-irbit tal-mandat ta’ inibizzjoni s-Supretendent tas-Saħħa Pubblika hu obbligat bil-liġi (S.L. 458.16) artikolu 5(3) tal-*Pharmacy Licence Regulations* li jipproċessa tali talba u dan ukoll in konformità mad-dritt li għandu skont ma jistipula l-artikolu 3(2)(*m*) fejn il-poteri tal-awtorità huma ampji. L-artikolu 5(3) tas-*S.L.* 458.16 jgħid li detentur jista’ jit-trasferixxi l-liċenza tiegħu lil terz. *Ergo* l-awtorità ma tistax tirrikonoxxi lil terz bla ma jkun sar it-trasferiment soġġett għall-iskrutinju tal-istess awtorità jekk it-talba hiex valida skont il-liġi. Il-pretensjoni tas-soċjetà attriċi hi kontra terzi li magħha allegatament għandha ftehim pre-liminari għat-trasferiment tal-liċenza. Din il-pretensjoni fil-konfront tal-awtorità konvenuta hi *res inter alios acta* u ma torbothiex sakemm il-parti li għandha l-licenza jew il-qorti tordna mod ieħor b’sentenza definittiva. F’dan il-każ dawn l-eventwalitajiet ma jirriżultawx għax *ex admissis* fit-talba promotriċi l-attriċi m’hi qed tallega ebda trasferiment ta’ titolu iżda biss wegħda ta’ bejgħ ta’ liċenza, u għalhekk is-Supretendent tas-Saħħa Pubblika ma għandu ebda xkiel fil-mertu milli jipproċessa t-talba għat-trasferiment magħmula validament. Għalhekk l-azzjoni attriċi ibbażata biss fuq pretensjoni kontra terzi ma għandha tkun ta’ ebda xkiel għall-awtorità milli tipproċessa talba għal tras-feriment jekk tali talba tissodisfa l-liġi tat-trasferiment tal-liċenzi tal-ispiżeriji.

»Għalhekk l-ewwel żewġ talbiet qed jiġu miċħuda.

»L-istess jingħad dwar it-tielet talba billi ma jistax ikollok mandat ta’ inibizzjoni permanenti. Huwa risaput li kull meta saru talbiet sabiex jiġi kkonfermat in perpetwu mandat ta' inibizzjoni *sic et simpliciter* il-linja traċċjata mill-qrati tagħna kienet dik ta' ċaħda għar-raġuni li, filwaqt li l-mandat joħroġ għaliex ikun jirriżulta dritt *prima facie*, fil-kawża tkun trid issir talba għall-pronunzjament ġudizzjarju dwar il-mertu tad-dritt innifsu.

»Fil-każ in eżami l-atturi istitwew il-kawża mhux biex jasserixxu l-jedd imsemmi fil-mandat, imma biex l-intimat jiġi inibit permanentement milli jipproċessa l-applikazzjoni ta’ *Brown’s Pharma Ltd*. Il-mertu dwar id-dritt tal-atturi mhux qiegħed jiġi trattat quddiem dina l-qorti u lanqas ma qed jiġi deċiż minnha.

»Għal dawn il-motivi l-qorti tiddeċiedi billi tiċħad it-talbiet tal-attriċi, bl-ispejjeż kontra tagħha. L-intervenuti għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.«

12. L-attriċi appellat b’rikors tat-3 ta’ April 2019 li wieġbu għalih *Brown’s Pharma Ltd* fit-30 ta’ April 2019, is-Sovrintendent tas-Saħħa Pubblika fis-6 ta’ Mejju 2019 u Catherine Mifsud fil-5 ta’ Lulju 2019.

13. L-ewwel aggravju tal-appell ighid hekk:

> »Huwa minnu dak li tgħid l-ewwel qorti illi fl-ewwel talba tar-rikors maħluf tagħha l-appellanta użat il-kelma "konvenju" mentri ħareġ ċar matul ix-xiedha illi bejn *Labomed Limited* u Catherine Mifsud mhux konvenju kien hemm imma bejgħ proprju. … … …
>
> »Huwa minnu ukoll dak li qalet l-ewwel qorti illi, minkejja li *ex admissis* l-appellanta fin-nota finali tagħha qalet li l-kelma li kellha tintuża kienet "ftehim" u mhux "konvenju", l-appellanta ma talbitx li dan l-iżball jiġi rranġat matul il-kors tal-kawża.
>
> »Fuq dan il-punt tajjeb jingħad illi huwa bil-wisq ċar kemm mix-xiedha li ngħatat matul il-kawża, kemm mid-diċitura tal-mandat t'inibizzjoni li ppreċeda din il-kawża u kemm mir-rikors maħluf illi *Labomed Limited* qed tibbaża l-pretensjonijiet tagħha fuq:
>
> »1. kuntratt ta' bejgħ datat 20 ta' Lulju 2016 imsejjah "*acquisition of dispensary licence …*";
>
> »2. dritt li għandha illi Catherine Mifsud tonora tali bejgħ billi tipproċedi bit-trasferiment tal-liċenza nnifisha liema trasferiment jista' jseħħ biss billi timla u tiġi pproċessata l-applikazzjoni appożita mal-awtorità tal-liċenzi.
>
> »F'dan is-sens fin-nota finali tagħha l-appellanta għamlet anoloġija mal-każ ta' bejgħ ta' vettura meta ma jkunx għadu sar it-trasferiment permezz tal-*logbook* jew formula tal-Awtorità tat-Trasport.
>
> »… … …
>
> »Il-kwistjoni bejn il-firmatarji *Labomed Limited* u Catherine Mifsud hija li filwaqt li *Labomed Limited* tishaq li l-ftehim tal-20 ta' Lulju 2016 kien wieħed ta' bejgħ, Catherine Mifsud tisħaq illi dan il-ftehim kien biċċa karta li *se mai* jikkonsisti fi promessa *de contrahendo*.
>
> »L-esponenti umilment tħoss illi l-ewwel qorti żbaljat meta ċahdet l-ewwel talba tal-appellanta sempliċiment għax irriżulta li "konvenju*" in vigore* ma kienx hemm bejn *Labomed Limited* u Catherine Mifsud. Huwa minnu li dan l-iżball (*i.e.* minflok il-kelma "konvenju" kellha tintuza "ftehim" jew "ftehim ta' bejgħ") ġie "korrett" unilateralment mill-appellata fin-nota finali tagħha u mhux b'talba *ad hoc* magħmula permezz ta' rikors. Madanakollu l-esponenti tħoss illi kif ġieli rritenew il-qrati tagħna "formaliżmu eċċessiv għandu jiġi evitat" … … … Dan qed jingħad iktar u iktar għaliex, minkejja li l-ewwel qorti tenniet fis-sentenza tagħha illi l-atturi "ma talbux biex dana l-iżball jiġi rranġat u infatti waħda mill-eċċezzjonijiet tal-intimat u tal-intervenuti hija proprjament f'dan irrigward", fil-verità tali korrezzjoni mill-esponenti la kienet ser tbiddel is-sustanza tal-azzjoni u lanqas l-eċċezzjonijiet fuq l-meritu tal-kawża.
>
> »Is-sustanza tal-azzjoni hija li kien hemm ftehim ta' bejgħ bejn *Labomed Limited* u Catherine Mifsud (mentri fit-talba hemm miktub li kien hemm konvenju) filwaqt li s-sustanza tal-eċċezzjonijiet kienet:
>
> »1. Fir-rigward tal-intimat appellat Suprintendent tas-Saħħa Pubblika is-sustanza tal-eċċezzjonijiet tiegħu hija li "l-vertenza proprja qiegħda bejn is-soċjetà attriċi u Catherine Mifsud u fil-fatt l-eżistenza *o meno* tal-konvenju bejn is-

soċjetà rikorrenti u Catherine Mifsud huma soġġetti għal proċeduri oħra … għal liema l-intimat mhux parti”. Mela jekk hux konvenju jew ftehim ta’ bejgħ jew ftehim ieħor, għas-suprintendent intimat appellat ma tantx tagħmel differenza għaliex huwa eċċepixxa illi dan il-punt qed jiġi dibattut quddiem qorti oħra għal liema huwa mhux parti.

»2. Fir-rigward tal-intervenuta Catherine Mifsud is-sustanza tal-eċċezzjonijiet tagħha kienet “illi t-talbiet attriċi huma mingħajr bażi legali u kwalunkwe ftehim *o meno* huwa għall-awtorità *res inter alios acta* ... *Di più* s-soċjetà attriċi ma għandha ebda dritt jew jedd sostantiv spettanti lilha li seta’ jiġi kawtelat skont il-liġi u li biha tista’ twaqqaf l-awtorità tal-liċenzi milli tipproċessa l-applikazzjoni għall-varjazzjoni tal-liċenza. Infatti qed tibbaża pretensjonijiet tagħha fuq ftehim li l-eżistenza tiegħu huwa ikkontestat f’kawża oħra”. Issa huwa vera illi l-istess Mifsud ippreżentat eċċezzjoni oħra fejn qalet illi *Labomed Limited* qed tipprova “tisgwida lill-qorti billi fiż-żewġ kawżi li ppreżentat użat termini legali differenti skont kif qablilha ... fil-kawża <u>*Labomed Limited v.* Catherine Mifsud</u> iddikjarat li saret bejgħ filwaqt li f’din il-kawża qed tiddikjara li hemm konvenju” iżda *ciò nonostante* l-istess Mifsud stqarret ukoll fl-istess nifs illi “la hemm konvenju, jew bejgħ proprju (kif indikat fil-kawża diversament ippresjeduta), lanqas kien hemm indikazzjoni fl-iskrittura stess li kien hemm obbligu da parti tal-esponent biex tiffirma applikazzjoni jew firma fuq xi applikazzjoni oħra qudddiem l-awtorità”. Fi kliem ieħor, għal Catherine Mifsud ma kinetx ser tagħmel differenza li kieku l-ewwel qorti ħadet in konsiderazzjoni l-korrezzjoni li għamlet *Labomed Limited* fin-nota finali tagħha u dan għaliex fi kwalunkwe każ Mifsud laqgħet għal kull eventwalità, *cioè* billi ċaħdet l-eżistenza kemm ta’ konvenju u kif ukoll bejgħ proprju jew ftehim mod ieħor.

»3. Fir-rigward tal-intervenuta *Brown’s Pharma Limited* is-sustanza tal-eċċezzjonijiet tagħha kienet “illi s-soċjetà attriċi ma għandha ebda konvenju vinkolanti ma’ Catherine Mifsud għat-trasferiment ta’ *dispensary license* …; *invece* kif ser jiġi ppruvat fil-kors tal-kawża hija biss is-soċjetà esponenti li għandha kuntratt vinkolanti mad-detentriċi tal-liċenza”. Huwa minnu hawnhekk illi mad-daqqa t’għajn wiehed jista’ jgħid illi s-sustanza ta’ din l-eċċezzjoni tintlaqat jekk *Labomed Limited* titħalla tikkoreġi l-iżball tagħha; però anke hawn joħroġ ċar li dan ma jseħħx għax f’eċċezzjoni oħra minn tagħha *Brown’s Pharma Limited* stqarret bi żball illi hija kienet xtrat il-liċenza mingħand Catherine Mifsud u mhux biss kienet fuq konvenju magħha: “l-aġir tal-atturi qed jirreka danni lill-esponenti, li minħabba dawn il-proċeduri qed jiġu abbużivament u illegalment imċaħħda milli jipproċedu bl-użu tal-liċenza li huma xtraw mingħand Catherine Mifsud.

»Fi kliem ieħor id-difi’a ta’ *Brown’s Pharma Limited* diġà hija kompromessa b’din il-kontradizzjoni, u l-korrezzjoni

> tal-iżball min-naħa ta' *Labomed Limited* mhuwiex ser iżid mal-iżnaturament ta' din id-difiża.

»*Ai termini* tal-art. 175(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta:

> »"(2) Kull qorti fi grad ta' appell tista' wkoll tordna jew tippermetti, f'kull żmien sas-sentenza, li jissewwa kull żball fir-rikors li bihom ikun tressaq l-appell jew fit-tweġiba, kif ukoll kull żball fl-isem tal-qorti li tkun tat is-sentenza appellata, jew f'dak tal-partijiet, jew fil-kwalità li fiha huma jidhru, jew fid-data tas-sentenza appellata:
>
> »"Iżda kull qorti fi grad ta' appell tista' tordna wkoll korrezzjonijiet fis-sentenza tal-qorti tal-ewwel istanza u korrezzjonijet oħra li l-qorti fi grad ta' appell tqis li huma ġustifikati fl-atti ġudizzjarji fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri fl-appell sa meta l-appell jitħalla għas-sentenza, fuq talba ta' xi waħda mill-partijiet, u wara li tagħti lill-partijiet l-opportunità li jinstemgħu:
>
> »"… … …"

»Huwa għalhekk illi permezz ta' dan ir-rikors stess quddiem din il-Qorti tal-Appell l-appellanta qiegħda titlob sabiex issir il-korrezzjoni relevanti fit-talba tagħha biex din tiġi taqra: "Tiddikjara li l-intimat bħala l-awtorità tal-liċenzi għandu obbligu li ma jipproċċesax, ma jaċċettax u ma jirregistrax l-*application for a variation to a pharmacy licence* ipprezentata lill-awtorità tal-liċenzii għat-trasferiment tad-*dispensary licence* … lil *Brown's Pharma Limited* ġaladarba d-detentur tal-liċenza preżenti kienet u għadha marbuta permezz ta' ftehim ta' bejgħ li tittrasferixxi l-liċenza in kwistjoni lill-kumpanija rikorrenti".

»Kif stqarret l-appellanta fin-nota finali tagħha, "kien ikun ferm iżjed faċli għal *Labomed* li tgħid illi l-ftehim tal-20 ta' Luiju 2016 kien konvenju tal-akkwist tal-liċenza milli tibqa' tinsisti li kien bejgħ għaliex id-diċitura tal-ftehim tqarreb iżjed lejn dik ta' konvenju milli ta' att kompjut ta' bejgħ. Però li kieku għamlet hekk l-esponenti ma' kinetx tkun qed tgħid il-verità għaliex l-intenzjoni ta' *Labomed* u ta' Catherine Mifsud kienet ċara fl-20 ta' Lulju 2016, anke jekk il-ftehim ma' jirriflettix fedelment dak li effettivament kienu ftiehmu fuqu. L-intervenuti in kawża però jmorru *oltre* minn hekk u jisħqu illi dan il-ftehim ma jiswiex il-karta li huwa miktub fuqha għaliex skondhom dan huwa biss promessa sabiex il-partijiet jidhru fuq konvenju, xi ħaġa li skond il-liġi għandha ftit li xejn protezzjoni u allura ma għandhiex l-piż li għandu l-konvenju ffirmat fil-21 ta' Lulju 2016 bejn Catherine Mifsud u *Brown's*".

»Finalment f'dan ir-rigward, l-ewwel qorti kellha wkoll fl-atti tagħha kopja tar-rikors maħluf ippreżentat minn *Labomed Limited* kontra Catherine Mifsud quddiem qorti diversement presjeduta (rik. maħluf numru 888/2016) – meta saret talba għal soprasessjoni – f'liema rikors maħluf hemm indikat ċar u tond illi "wara sensiela ta' laqgħat u negozjati li kienu ilhom għaddejjin minn Jannar 2016, fl-20 ta' Lulju 2016 l-intimata laħqet ftehim mal-kumpannija rikorrenti b'dan illi bigħet il-liċenza msemmija u *cioè* id-*dispensary licence* … lill-kumpannija rikorrenti versu l-prezz miftiehem ta' erba mitt elf Euro (€400,000). Dan il-ftehim sar permezz ta' ftehim privat li jġorr listess data (liema ftehim ġie msemmi *Acquisition of Dispensary Licence* …".

»Għalhekk hija l-fehma tal-esponenti illi mhuwiex il-każ illi, għaliex ma kienx hemm konvenju bejn il-partijiet, dan ifisser li ma kien hemm xejn x'iżomm lis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika milli jipproċessa t-talba

ta' Catherine Mifsud għat-trasferiment tal-liċenza lil *Brown's Pharma Limited* "għajr għall-irbit tal-mandat ta' inibizzjoni". Huwa ċar illi l-argument tal-appellanta huwa dak li l-kuntratt in kwistjoni kien wieħed ta' bejgħ u huwa daqstant iehor ċar illi skond l-intervenuti in kawza la kien hemm konvenju u lanqas bejgħ. Dan il-punt qiegħed jiġi dibattut quddiem qorti oħra però xorta jibqa' l-fatt illi 'l hinn minn dan l-argument, mingħajr pregudizzju għall-posizzjoni tal-esponenti illi l-ftehim kien ftehim ta' bejgħ, jidher anke fuq livell *prima facie* illi *ai termini* tal-istess ftehim Catherine Mifsud kienet qed tintrabat li tittrasferixxi l-liċenza lil *Labomed Limited*. Din ir-rabta tippreċedi r-rabta *ossia* konvenju li daħlet għalih Catherine Mifsud ma' *Brown's Pharma Limited* u peress illi ma hemm l-ebda ħtieġa jew formalità legali għax-xiri ta' liċenza ta' spizerija (għajr għall-applikazzjoni tal-awtorità tal-liċenzi li trid tiġi mimlija sabiex jiġi approvat it-trasferiment) u peress li lanqas ma hemm xi ħtieġa tal-formalità ta' konvenju, l-awtorità kienet obbligata li ma tipproċessax applikazzjoni li mad-daqqa t'għajn kienet ser tkun falza.

»L-interpretazzjoni u apprezzament tal-punt tal-liġi magħmula mill-ewwel qorti, *ossia* illi "l-atturi istitwew il-kawża mhux biex jasserixxu l-jedd imsemmi fil-mandat imma biex l-intimat jiġi inibit permanentement milli jipproċessa l-applikazzjoni ta' *Brown's Pharma Ltd*" u li "l-mertu dwar id-dritt tal-atturi mhux qiegħed jigi trattat quddiem dina l-qorti u lanqas ma qed jigi deċiż minnha". Tali interpretazzjoni u apprezzament ħażin tal-liġi wassal lill-ewwel qorti sabiex tiċħad it-tielet talba tal-appellanta.«

14. Għandu jingħad qabel xejn illi din il-kawża hija bejn l-attriċi u awtorità pubblika; ma hijiex kawża bejn il-partijiet fuq il-ftehim tal-20 ta' Lulju 2016, u għalhekk f'din il-kawża tallum il-qorti ma tistax tiddeċiedi fuq il-punt jekk il-ftehim kienx ta' bejgħ bi trasferiment tal-ħaġa mibjugħa jew bejgħ mingħajr effett traslativ immedjat tal-ħaġa mibjugħa jew kienx biss wegħda ta' bejgħ.

15. L-argumenti tal-attriċi maħsuba biex juru illi kien hemm bejgħ u mhux biss wegħda ta' bejgħ huma għalhekk irrelevanti, u ma jinbidel xejn minn dan jekk din il-qorti tilqa' t-talba tal-attriċi biex bis-setgħat li jagħtiha l-art. 175 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili tikkorreġi r-rikors maħluf tal-attriċi fis-sens li l-ftehim bejnha u Catherine Mifsud jissejjaħ bejgħ flok konvenju.

16. Sakemm ma jinqatax dan il-punt fil-kawża maħsuba għalhekk, quddiem il-konvenut Catherine Mifsud għadha titolari tal-liċenza u ma għandu jkun hemm xejn li jżommu milli jqis it-talba tagħha li tittrasferixxi din il-liċenza lil terzi ladarba għandha l-jedd, taħt ir-reg. 5(3) tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi għall-Ispiżeriji [“L.S. 458.16”][1], li tagħmel dik it-talba.

17. L-ewwel aggravju huwa għalhekk miċħud.

18. Ngħaddu għat-tieni aggravju, li ġie mfisser hekk:

> »“L-atturi istitwew il-kawża mhux biex jasserixxu l-jedd imsemmi fil-mandat, imma biex l-intimat jiġi inibit permanentement milli jipproċessa l-applikazzjoni ta’ *Brown’s Pharma Ltd*.”
>
> »L-appellanta ma’ taqbilx mal-ewwel qorti fuq dan il-punt. Il-jedd imsemmi fil-mandat ta’ inibizzjoni li ppreċeda din il-kawża, liema mandat kien ġie milqugħ mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili, kien il-jedd li żżomm “lill-intimat … milli bi kwalunkwe mod jipproċessa u / jew jaċċetta u / jew jirreġistra l-applikazzjoni magħrufha bħala *application for a variation to a pharmacy licence*, li ġiet sottomessa jew li għad trid tiġi sottomessa minn Catherine Mifsud u / jew *Brown’s Pharma Limited* jew persuni għan-nom tagħhom, liema applikazzjoni hija intiża għat-trasferiment tad-*dispensary licence* … mill-istess Catherine Mifsud għal *Brown’s Pharma Limited*, u dan għas-segwenti ragunijiet … fl-20 ta’ Lulju 2016, Catherine Mifsud obbligat ruħha li titrasferixxi l-liċenza msemmija u *cioè dispensary licence* … lill-kumpannija rikorrenti permezz ta’ ftehim privat li jġorr l-istess data (liema ftehim ġie msemmi *acquisition of dispensary license* …) … Id-dritt tal-kumpannija rikorrenti illi twaqqaf lill-intimat milli bi kwalunkwe mod jipproċessa u / jew jaċċetta u / jew jirreġistra l-applikazzjoni in kwistjoni huwa dritt li jirrizulta *prima facie*. Mingħajr il-ħruġ tal-mandat *de quo*, in-natura tal-preġudizzju li ġġarrab ir-rikorrenti fl-esekuzzioni tal-jedd *prima facie* naxxenti mill-ftehim datat 20 ta’ Lulju 2016 jkun tali li kważi kważi jġib dak il-jedd fix-xejn għaliex fil-kuntest tiegħu dak il-jedd prattikament jintilef u difftċilment jissewwa xort’oħra. Dan qed jingħad għaliex jekk l-intimat ma jkunx inibit, l-eventwali aċċettazzjoni min-naħa tiegħu tat-trasferiment tal-liċenza lil *Brown’s Pharma Limited* fil-mori tal-kawża dwar l-esekuzzjoni tal-ftehim datat 20 ta’ Lulju 2016 jiftaħ xenarju ta’ litigazzjoni b’eżitu u konsegwenzi għal kollox imprevedibbli”.

[1] »**5.** (3) Kull detentur ta’ liċenza jista’ jittrasferixxi liċenza li tkun diġà nħarġet, lil ħadd-ieħor permezz ta’ applikazzjoni li ssir lill-Awtorità dwar il-Liċenzi.«

»Għalhekk mhuwiex il-każ li l-mertu dwar id-dritt tal-atturi ma kellux jiġi trattat quddiem l-ewwel qorti ... tant hu hekk illi l-ewwel talba tal-appellanta kienet proprju illi l-ewwel qorti "tiddikjara li l-intimat bħala l-Awtorità tal-Liċenzi għandu obbligu li ma jipproċċesax, ma jaċċettax u ma jirregistrax l-*application for a variation to a pharmacy licence* ippreżentata lill-Awtorità tal-Liċenzi għat-trasferiment tad-*dispensary licence* … lil *Brown's Pharma Limited* ġaladarba d-detentur tal-liċenza preżenti kienet u għadha marbuta permezz ta' konvenju ieħor li tittrasferixxi l-liċenza in kwistjoni lill-kumpannija rikorrenti".

»L-appellanta ma llimitatx ruħha għat-tielet talba *sic et simpliciter* iżda ssostanzjat din it-talba b'talba oħra (l-ewwel waħda) fuq il-mertu u *cioè* li hija għandha dritt illi l-intimat appellat ma jipproċedix bl-ipproċessar tal-applikazzjoni ta' Catherine Mifsud ġaladarba jekk jagħmel hekk ikun qiegħed effettivament jiddeċiedi hu illi l-ftehim bejn *Labomed Limited* u Catherine Mifsud (li ppreċeda dak ta' bejn Catherine Mifsud u *Brown's Pharma Limited*) ma jorbotx, xi ħaġa li tkun ta' detriment kbir għall-appellanta.«

19. Il-kawża tallum ma hijiex dwar jekk il-mandat messux inħareġ jew le; dak issa episodju magħluq għax il-mandat inħareġ. Il-fatt iżda jibqa' illi d-dritt li qiegħda tivvanta l-attriċi ma huwiex kontra l-konvenut iżda kontra Catherine Mifsud. Għalhekk biex tilqa' kontra d-"detriment kbir" u l-"konsegwenzi imprevedibbli" li riedet tevita kien aktar jagħmel sens li kieku l-attriċi kisbet inibizzjoni kontra Catherine Mifsud biex iżżommha milli tagħmel it-talba, u mhux tfittex li żżomm lill-konvenut milli jwettaq id-dmir tiegħu li jqis talbiet li jsirulu taħt id-disposizzjonijiet tal-L.S. 458.16. Il-fatt hu illi l-attriċi ma għandhiex id-dritt pretiż minnha "illi l-intimat appellat ma jipproċedix bl-ipproċessar tal-applikazzjoni ta' Catherine Mifsud".

20. Dan l-aggravju wkoll huwa għalhekk miċħud.

21. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż tal-ewwel grad jibqgħu kif deċiżi fis-sentenza

appellata; dawk tal-appell, ħlief l-ispejjeż tal-intervenuti, tħallashom is-soċjetà attriċi appellanti. L-intervenuti jħallsu l-ispejjeż tagħhom.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm